NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Nru 45

Novembru - Diċembru 1988

## Il-Kelma ta' l-Arċipriet

## *"GĦINNI NITWIELED FEJN INRID JIEN"*

### *Ġesù Bambin*

Elfejn sena ilu. Raġel u mara, għajjiena, mejta mill-vjaġġ iterrqu bil-mod il-mod lejn belt ċkejkna jisimha Betlem. Hi riekba fuq ħmara; hu miexi quddiem. Hi waslet fl-aħħar ħinijiet biex twelled tarbija.

Ħabbtu bieb wara l-ieħor. U kollha jibqgħu magħluqa għalihom. Min għax mimli, minn għax ma riedx iżid xogħol ieħor ma' dak li għandu, min għax beża li ma jħallsuħx. U Ġesù jittallab permezz ta' ommu Marija biex jitwieled hemmhekk, iżda ħadd ma riedu. U kellu jitwieled f'għar ta' l-annimali.

Elfejn sena wara: illum 1988.

Ġesù qed jerġa' jħabbat il-bieb ta' ħafna nies. Fil-Milied li ġej irid jitwieled fid-dar ta' dik ix-xwejħa li qed tgħammar weħidha, minsija minn kulħadd. Maħmuġa, imgermda, bla saħħa.

Ġesù irid jitwieled fil-qalb ta' dak iż-żagħżugħ imkisser bid-droga. Jixxengel, iħares fil-vojt; f'qalb dak li jrid jisraq biex jixtri d-droga, u jieħu d-droga biex ikun jista' jisraq.

Ġesù jrid jitwieled fil-qalb ta' dik li qed tkisser il-familja tagħha, b'relazzjoni xejn tajba ma' raġel miżżewweġ ieħor.

Ġesù jrid jitwieled fil-qalb ta' dawk it-tfal ċkejknin li qed jgħixu fl-Istitut, mkenna mill-ħarsa ta' ħniena u kura tas-soru u s-saċerdot, imma nieqsa mill-imħabba vera ta' omm u missier.

Ġesù jrid jitwieled f'qalb dak li hu miġġieled ma' niesu minħabba l-wirt. F'qalb minnhu imdejjaq u nisħuq minn kull xorta ta' żventura.

Ġesù jrid jitwieled f'qalb ta' omm muġugħa li ilha ma tirċievi ittra mill-Kanada mingħand uliedha; f'qalb armla, imdejjqa u mnikkta li ta' kuljum tiġġieled biex ma taqax vittma ta' nies ta' bla ebda skruplu.

Ġesù jrid jitwieled f'qalb dawk il-midinba kollha li tbegħdu minnu u li għalkemm fittxew il-paċi f'mitt elf ħaġa oħra ma sabux il-paċi vera li thenni l-qalb.

U int u jien, u aħna ilkoll għandna d-dmir li ngħinu lil Ġesù jitwieled fejn irid Hu: fil-qalb ta' dawn kollha li semmejna. Ma nserrħux moħħna li armajna l-presepju u poġġejna lil Ġesù Bambin hemmhekk. Anqas għandna nkunu kuntenti biss li nħalluh jitwieled ġewwa fina. Ġesù qed jitlobna: "GĦINNI NITWIELED FEJN IRRID JIEN".

U dan nistgħu nagħmluh billi ngħinu lil dawn il-persuni kollha biex jifthu beraħ qalbhom għall-Ġesù Bambin. Hemm ħafna modi, nistgħu nużaw ħafna toroq. Importanti li lkoll kemm aħna f'dawn il-jiem li baqa' sal-Milied naħdmu għalenija biex il-ferħ veru tal-Milied isaltan fil-qalb ta' dawn inqas ixxurtjati minna u Ġesù Bambinisib kenn xieraq fi qlubhom.

## IL-MILIED IT-TAJJEB LIL KULĦADD

### *IL-MILIED FIL-BAŻILIKA TAGĦNA*





- ***Novena għat-tfal kuljum fil-5.00 p.m.***
- ***Novena għal kulħadd kuljum fis-6.15 p.m.***
- ***Żieda ta' persunaġġi fil-Presepju fil-Knisja***
- ***Kompetizzjoni għall-Familji***
- ***Iktar tiżjin fil-Bażilika***

*Programm dettaljat ta' l-attivitajiet kollha mill-15 ta' Diċembru, meta tibda n-Novena sat 8 ta' Jannar 1989, festa ta' l-Epifanija, jitqassam 'l quddiem lil familji kollha.*

# Editorjal

## Unur għall-Parroċċa

Inħossuna kburin li nsemmu l-Kor 'LAUDATE PUERI' u s-sehem li ħa fil-Kungress Mondjali ta' l-Exallievi ta' Don Bosco u ta' l-Exallievi ta' Marija Għajnuna ta' l-Insara li nżamm ġewwa Ruma bejn it-3 u d-9 ta' Novembru 1988. Wara xhur ta' ħidma u preparazzjoni kien jidher li l-Kor ġewwa Ruma kien ser jagħmel isem.U hekk kien. F'kull attività li fiha ha sehem il-kor huwa għolla l-livell ta' l-assemblea u kull min kien preżenti kellu kliem ta' tifħir għal mod kif ġew esegwiti dawk il-brani li kellhom ikantaw. Dan juri s-sens ta' dedikazzjoni tad-diretturi tal-kor kif ukoll id-dixxiplina tal-membri kollha tal-kor.

Mhux ta' b'xejn allura li aħna minn dawn il-kolonni inħossuna rikonoxxenti lejn il-kor 'LAUDATE PUERI' li għolla fil-ġieħ lill-parroċċa tagħna kif ukoll lill-pajjiżna. Is-sagrifiċċji li saru qabel issarrfu f'esekuzzjonijiet tassew eċċellenti waqt dan il-Kungress Mondjali u kulħadd seta' jara li meta nuru rieda tajba, dixxiplina magħna nfusna u kuraġġ kull ostakolu jista' jiġi megħlub. Din iż-żjara tal-Kor 'LAUDATE PUERI' ġewwa Ruma u Torin għandha tħeġġiġna biex kull fejn inkunu u kull meta jingħatalna ċ-ċans ma noqgħodux lura biex ngħollu l-ġieħ tal-Parroċċa tagħna u ta' pajjiżna.

## Reġa' wasal Milied ieħor

Meta tasal f'idejkom din il-ħarġa tar-Rivista jkunu qed joqorbu ġranet li jimlew lil kulħadd bil-ferħ. Ikun qed joqrob sewwa l-Milied. Iżda biex dan il-Milied jiġi u jgħaddi u jkollu effett fuq ħajjitna tajjeb li kulma tagħmel għalina l-parroċċa bi tħejjija nkunu lesti li nippratonizzawh. Hekk ħandu jagħmel kull min iħoss li l-Milied hija festa kbira. Għandu jħejji ruħu tajjeb billi mhux biss matul l-Avvent naħsbu fuq din il-miġja .tal-Mulej fostna imma nippruvaw ukoll insewwu xi ftit mill-ħażen li forsi nkunu qed ngħixu fih.

Il-Milied iġib miegħu bosta attivitajiet fil-parroċċa tagħna. Jekk insemmu biss in-Novena li ssir għat-Tfal u dik li ssir għal kulħadd inkunu żgur qed insemmu żewġ affarijiet li qed ikunu organizzati bl-aħjar mod possibbli u li kulħadd ikollu kliem ta' tifħir għalihom. Jonqos imma ftit iktar ħeġġa għan-Novena li tiġi organizzata għal kulħadd. It-tfal jiġu bi ħġarhom. Il-kbar jew għax mehdijin b'affarijiet oħra, jew għax forsi moħħom fin-negozju jew għal affarijiet oħra jibqgħu xi ftit lura. L-appell tagħna għalhekk imur lejn dawk il-parruċċani li verament iridu jippreparaw ruħhom tajjeb għal dan il-Milied. Ejjew u tgħallmu għax bit-tagħlim biss nistgħu aħna nkunu kapaċi naffrontaw l-għedewwa moderni tal-fidi tagħna.

J'Alla dan il-Milied iġib fostna paċi, sliem u rieda tajba biex is-sena ġdida li ser nibdew tkun sena dejjem aħjar minn din li ser tispiċċa u l-barka li ġab miegħu Ġesù Bambin kważi elfejn sena ilu tkompli tkattar fil-parroċċa tagħna dejjem aktar.

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## Membri ġodda fil-Komunità Parrokkjali

17.9.88
Elaine, bint Mariano Farrugia u Maria Assunta neè Farrugia
22.9.88
Anette, bint Gaetano Attard u Mary Grace nee' Cremona.
1.10.88.
Annaliza, bint Martin Gauci u Jeanette neè Grima.
1.10.88
Gabriel, iben Joseph Xerri u Sylvia neè Herrmann
7.10.88
Sophia, bint Angelo Cefai u Karin neè Neubrandt
16.10.88
Paula, bint George Aquilina u Mary neè Calleja
16.10.88
Aaron George, iben Paul Cini u Maria neè Mizzi
12.11.88
George-Mario, iben John George Vella u Rita neè Tabone
12.11.88
Joseph, iben Joseph Galea u Michelle neè Tabone
13.11.88
Marcelle, bint George Grima u Teresa neè Grech.

## Marru Jingħaqdu mal-Ħallieq

29.10.88: Lourdes Farrugia
30.10.88: Carmela Cauchi
19.10.88: Philip Fenech

## Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

15.10.88: George Zammit u Anna Agius
16.10.88: Joseph Mercieca u Rosalie Micallef
22.10.88: John Curmi (Sannat) u Vicky Cassar
29.10.88: Joseph Dingli (Xewkija), u Jane Haber (Xewkija)

## TAJT SEHEMEK???

***Fl-aħħar ħarġa tar-rivista tagħna għamilna appell biex kull familja li tirċievi IL-BELT VICTORIA toffri ħamsin ċenteżmu biex intaffu xi ftit l-ispejjeż li jsiru biex tiġi pubblikata. B'kollox inġabret issomma ta' Lm170. Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min ta s-sehem tiegħu nħeġġu lill-oħrajn biex jagħmlu l-parti tagħhom u jkunu ġenerużi. Grazzi.***

## *ROKNA GĦAT-TFAL*



Għeżież tfal,

Sal-lum naħseb li ġa' bdejtu taħsbu u tħejju għall-Festa tal-Milied. Min jaf kemm presepji, żerà, dekorazzjonijiet, siġar tal-Milied, parties, rigali u mitt ħaġa oħra bħal dawn għaddejjin minn moħħkom dawn il-jiem! U tagħmlu sewwa. Għax il-festa tat-Twelid ta' Ġesù Bambin hija festa tagħkom, b'mod speċjali, u għalhekk xieraq li tħejju għaliha bil-kif.

Hemm, ngħidu aħna, min minn fostkom ġie mogħti l-priedka ta' nofs il-lejl li s-soltu ssir minn tifel bħalkom, u għalhekk, bħalissa, għaddej "in full swing" bl-istudju ta' din il-priedka. Hemm, imbagħad oħrajn fostkom li forsi ġew imqabbda mit-teacher jew mill-katekista tagħhom biex jagħmlu xi "project" dwar din il-ġrajja għażiża u qaddisa tal-Milied", u jinsabu mhedijin sewwa biex din il-biċċa xogħol jagħmluha bl-aħjar mod li jistgħu.

Insomma, min b'ħaġa u min b'oħra, ilkoll tinsabu mħabbtin tħejju għall-Milied. Biss, jiena nixtieq ngħidilkom żewġ affarijiet dwar il-festa tal-Milied u l-vaganzi li jiġu magħha.

L-ewwelnett: jien naf żgur li f'dawn il-ġranet sbieħ intom, barra li tagħtu, tirċievu wkoll bosta rigali sbieħ, rigali li huma għal qalbkom ħafna u li jogħġbukom żgur. Tifirħu mhux ftit bihom u żgur ma jkun jonqoskom xejn. Xi drabi wkoll, taqilgħu rigali li min jaf kemm tkunu ilkom tixtiquhom! Issa, li rrid ngħidilkom hu dan: tinsewx twarrbu xi ħaġa milli jkollkom u tagħtuha lil xi tifel jew tifla li m'għandhomx min jagħtihom rigali sbieħ bħal m'għandkom intom. Ftakru li, li kieku kontu intom flok dawn it-tfal, żgura li kontu tkunu tridu min jiftakar fikom u jagħtikom. Mela, tinsewx: aħsbu minn issa u ddeċiedu x'se tagħtu lil dawn it-tfal li, wara kollox, bħalkom jixtiequ u għandhom kull dritt jgħaddu Milied ferrieħi.

It-tieni ħaġa li xtaqt ngħidilkom dwar il-vaganzi tal-Milied, hija din: taħluhomx. Fi kliem ieħor, qisu li matul dawn il-ġranet ta' btala, ma twarrbux il-kotba ta' l-iskola għal kollox, donnha spiċċat l-iskola. Żommu f'moħħkom li meta f'Jannar terġgħu tibdew l-iskola, eżamijiet ta' nofs is-sena jkunu wara l-bieb, jiġifieri jkunu qorbu sewwa, u min ikun ħalla l-istudju fil-vaganzi tal-Milied, jista' jsibha bi tqila biex jerġa' jingrana u jaqbad mill-ġdid. Mela, ftehemna: fil-vaganzi tal-Milied ħudu l-mistrieħ tagħkom bla ma tinsew, iżda, il-kotba u l-istudju.

Billi ma jkollix l-okkażjoni li nerġa' niltaqa' magħkom, minn qalbi nixtieq lilkom u lill-familji tagħkom, Milied ħieni u qaddis, u Sena Ġdid mimlija b'kull ġid u barka mis-Sema.

*Tatà*
***Iz-Ziju Peppi***

# *'IL-MILIED'*



Mill-ġdid qed infakkru l-ġrajja
Tant għażiża għall-bnedmin
Meta ġo għar ċkejken twieled
Il-Feddej tal-Midinbin.

Ma qagħadx jagħżel xi palazzi
Xi dar komda nkella kbira
Iżda għażel li jitwieled
Ġewwa grotta l-iktar fqira.



F'nofs lejl ikrah, kiefer, xitwi
Ried jitwieled Bin il-Bniedem
Sabiex lil kulħadd żgur jara
Mingħajr ħtija, ħieni, niedem,

Kull ma kellu ħdejh, madwaru
In-nifs sħun ta' baqra w ħmara,
Ma' dawn, Ġużeppi w Marija
Biex iħarsuh minn kull ħsara.

Qtajja' t'anġli ġewwa s-sema
Ġrew ixerrdu din l-aħbar
Illi mliet bil-ferħ, bil-hena
Lil dawk kollha ta' madwar.



Kif ir-ragħajja saru jafu
Dlonk ħallew huma l-merħliet
Lejn il-għar ilkoll irħewlha
Għaliex qalbhom b'ferħ imtliet.

Dan il-ferħ li nħass ġo Betlem
Ilu kważi elfejn sena;
Għadu qed jinħass ġo fina
U jimliena lkoll bil-hena!

Jew ninsabu wisq mehdija
Bis-Seklu tagħna Għoxrin
Li mhux iħallina naħsbu
U għal Kristu m'għandniex ħin!

O Ġesù ħelwa tarbija
Dal-Milied ejja ġo fija
Ibqa' magħna tul ħajjitna
U qatt le mument tħallina.

Hekk dil-ġrajja tant għażiża
Ta' Twelid Ġesù t-tifkira
Ma' tkunx ġiet għalxejn għalina
'Mma jkollha vera tifsira.

*Kav. Joe M. Attard*
*Rabat - Għawdex.*

**Donazzjonijiet għar-Rivista mill-Emigranti**
Ġiġi Said — 50 Aus $
Tereża Zammit — 10 Aus $
Andrew Xerri — 30 Aus $

***Ħinijiet tal-Quddies fil-għaxija***
Matul il-Ġimgħa - Fil-5.00 i fis-6.00p.m.
Ħdud u Festi - Fl-4.00 p.m. u fil-5.30p.m.

# Suċċess għall-Kor "LAUDA



Il-Kor waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Kungress fil-Grand Hotel Ergife.



Il-Kor waqt il-Quddiesa mill-E.T. il-Kardinal Catillo Lara fl-għeluq tal-Kungress.



Dehra ġenerali tas-sala fejn inżamm il-Kungress Mondjali ta' l-Exallievi ta' Don Bosco.



Il-membri tal-Kor flimkien ma dawk li akkumpanjawh fl-Arcibazilika ta' San Ġwann Lateran waqt waħda miż-żjarat f'Ruma.

Bejn it-3 u d-9 ta' Novembru li għadda l-Kor tal-Bażilika tagħna "LAUDATE PUERI" kellu l-unur li jkun il-kor uffiċċjali ta' l-ewwel Kungress Mondjali ta' l-exallievi ta' Don Bosco li nżamm fil-Hotel Ergife ġewwa Ruma.

Matul dan il-Kungress, li għalih attendew exallievi minn madwar 50 pajjiż mill-kontinenti kollha, il-kor ħa sehem billi kanta f'diversi okkażżjonijiet. Il-kor esegwixxa l-kant waqt il-quddiesa ta' kuljum fil-Kungress. Din il-quddiesa kienet titmexxa minn diversi personalitajiet fosthom tliet kardinali, mir-Rettur Maġġur tas-Sależjani, Don Egidio Vigano' u minn Don Cuevas Leon. Il-Kor, li kien jikkonsisti fi 42 membru, kien preżenti waqt diskors importanti li għamel il-Prim Ministru ta' Malta, Dr. Eddie Fenech Adami. Dak in-nhar żewġ membri mill-kor lebsin il-kostum nazzjonali offrew bukkett fjuri lill-Prim Ministru u l-kor esegwixxa żewġ siltiet ad unur tiegħu.

Barra l-attivitajiet tal-Kungress, li kollha nżammu fil-Hotel Ergife, hotel li fiha jiġu organizzati bosta kungressi nternazzjonali, il-kor kellu wkoll impenji oħra. Hawn ta' min isemmi l-velja ta' talb li nżammet fit-tempju ta' Don Bosco ġewwa Cinecitta'. Iżda żgur li l-iktar mument li fih il-kor ħassu onorat kien waqt li kanta fil-quddiesa solenni fil-Bażilika ta' San Pietru fejn inġabru l-kongressisti kollha Din il-quddiesa solenni tmexxiet minn Don Egidio Vigano', Rettur Maġġur tas-Sależjani. Waqt din il-quddiesa mijiet ta' turisti u oħrajn li nzertaw qed iżuru din il-Bażilika, resqu fejn il-kor jistaqsu dwar minn fejn huma. Wara l-quddiesa il-membri tal-kor, flimkien mal-kungressisti kienu milqugħa f'udjenza mill-Papa Govanni Pawlu II. F'din l-udjenza l-kor kanta ad unur tal-Papa u ppreżentalu mudell ta' dgħajsa tal-latini maħduma minn Thomas Muscat mill-Qala, Għawdex.

Waqt il-quddiesa fil-Bażilika ta' San Pietru kif ukoll waqt l-udjenza tal-Qdusija Tiegħu l-Papa kien preżenti wkoll l-Onor Anton Tabone, Ministru għal-Għawdex. Il-Ministru Tabone kellu kliem ta' tifħir għall-kor u għen ħafna biex din iż-żjara ġo Ruma u Torin setgħet isseħ.

Il-Kor 'LAUDATE PUERI", flimkien ma dawk li kien jakkumpanjawh, u numru kbir ta' kungressisti, hekk kif intemm il-kungress ġewwa Ruma, ħadu sehem f'pellegrinaġġ għal Torin u kanta waqt Quddiesa solenni f'Valdocco fil-Bażilika ta' Marija Għajnuna ta' l-Insara. F'din il-pellegrinaġġ il-kor żar ukoll Colle Don Bosco, kif ukoll Mornese, fejn twieldet Santa Maria Mazzarello, il-fundatriċi tas-Sorijiet Sależjani.

Fl-okkażżjoni ta' din iż-żjara f'Ruma u Torin il-kor ippubblika brochure bil-kulur dwar il-kor li kienet b'erba' lingwi. Dan it-tagħrif tqassam lill-kungressisti kollha u oħrajn.

Kull fejn kanta l-kor kont tisma' kliem ta' tifħir u nkoraġġiment. Fost dawk li taw l-opinjoni tagħhom dwar il-kor insemmu lil Don Egidio Vigano', ir-Rettur Maġġur tas-Sależjani li qal: "E' stato grande! Il coro ha dato qualità al congresso". (Kienet xi ħaġa kbira. Il-kor għolla l-livell tal-Kungress). Don Cuevas Leon qal li l-kor għandu professjonalità, kwalità artistika u kapaċità li jingħaqad ma xulxin. Lejn tmiem il-kungress Dun Charles Cini, Delegat Mondjali ta' l-Exallievi ppreżenta rigal lil kull membru tal-kor.

# TE PUERI" f'Ruma u Torin

## X'qalu dwar il-Kor

**Don Egidio Vigano' - Rettur Maġġur tas-Sależjani:**
*"E' stato grande! Il vostro coro ha dato qualità al congresso!"*

**Don Segio Cuevas Leon S.D.B. - Consigliere per la Famiglia Salesiana e per le Comunicazioni Sociali**
*"Io ho eloggiato e ringraziato il coro di Gozo, i suoi dirigenti e componenti, e lo ho fatto felicemente. Adesso ribadisce la mia ammirazione e ringraziamento per il servizio reso nel Congresso Mondiale degli Exallievi. Avete professionalità, qualità artistiche e capaċità d'integrazione corale. Congratulazioni e auguri. Arrivederci a Gozo."*

**Don Giuseppe Costa - Editur Bolettino Salesiano**
*"Per la qualità dell' esecuzione e per la scelta del repertorio e' un coro apprezzabilissimo e degno di sostegno, oltre che meritoso."*

**Giuseppe Castelli - President tal-Konfederazjoni Mondjali Exallievi**
*"Sono molto bravi. Cantano con estrema delicatezza e sensibilità. Ci hanno auitato u pregare meglio. Bravi; continuate cosi'!!"*

**Sr. Assunta Tommasini - Alessandria - Italia**
*"Ottima polifonia e buona unione di voci - Ottime scelta dei canti."*

**Ispettoria Vercellese - Italia**
*"Ottimo".*

**Valerio Fenoglio - Ispettoria Subalpina - Valdocco - Torino**
*"Ottimi esecutori di tutti i brani cantati. Perciò, grazie di cuore ed a risentirli"*

**Sr. M. Del Carmen Garcia-Madrid - Spanja**
*"Mi ha piacuto molto. Nei momenti delle celebrazioni, mi ha aiutato ad approfondire l'atto liturgico."*

**Sor. Valentina Rodriguez Gonzalez - Sevilla - Spanja**
*"Mi ha piaciuto molto, molto...."*

**Jesus Olmos- Prof. di Musica Conservatorio di Valencia - Spanja**
*"Un vero regalo! E' magnifico vedero i giovani interpretare musica classica. Hanno un timbro proprio impressionante. Cantano con molta giustezza e sicurezza."*

***Exallieve F.M.A. - Venezuela***
*"Ci è parso bellissimo! Ci ha aiutato a vivere più profondamente la liturgia di tutti i giorni del congresso. La armonia delle voci ci feccero gustare pace e gioia."*

**Mr. Gerard De Mesmaccker - Belġju**
*"Eravamo contenti con la presenza del coro. Auguri per la guida. Appreziamo tanto la disciplina dei choristi".*

**D. Mario Murro - Delegat Exallievi ta' l-Eġittu**
*"Ben preparato - Canti ben eseguiti.- Congratulaz-*

jkompli f'paġna 7




***Il-Prim Ministru ta' Malta jidher qed jindirizza l-Kungress, nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru 1988***



***Il-Kor 'Laudate Pueri' waqt il-quddiesa solenni fil-Bażilika ta' San Pietru.***




***Wara l-quddiesa fil-Bażilika ta' San Pietru, il-kor flimkien mal-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Anton Tabone.***



***Il-Qdusija Tiegħu l-Papa jifraħ lill-membri tal-Kor. Tidher ukoll id-dgħajsa tal-latini li wara ġiet ippreżentata lil Papa.***

# BETLEM

Matul il-jiem tas-sena, Betlem issaħħar lil kull min iżurha; mhux biss iżda wkoll tnissel ċertu hena u sliem f'qalb il-pellegrini il jmidd riġlejh biex jara, jisma' u jħoss il-ferħ, aktar tas-sema milli ta' l-art.

Wara li tinżel l-ewwel xita tant mixtieqa ta' l-istaġun, din tnaddaf l-arja u tagħmilha ċara, li wieħed faċilment ikun jista' jara bla tbatija l-muntanji ta' Mowab, jiġifieri n-naħa l-oħra tad-deżert ta' Ġuda.[1] Is-siġar ta' madwar Betlem, kemm dawk tal-frott fosthom dwieli, tin, parsott, rummien, tuffieħ, żebbuġ, kif ukoll dawk li qegħdin hemm biex iħaddru u jsebbħu dawk l-inħawu, eżempju ċipress, prinjoli u xi palm, dawn ukoll ikomplu ikabbru l-ferħ f'qalb il-pellegrin li jżur lil Betlem.

Imma mal-kelma **Betlem** hemm marbut magħha ġrajja wisq aktar sħiħa u qawwija, ġrajja li kienet kapaċi taqsam iż-żmien fi tnejn.[2] Dik ta' qabel it-twelid tiegħu, u dik ta' wara. Tant hija b'saħħitha u soda din il-ġrajja, din id-data, li anki dawk stess li jiċħdu lil Alla, fil-kitbiet uffiċjali tagħhom ikollhom iħażżu u jsemmu f'liema sena qabel jew wara twelidu saret il-ġrajja tagħhom.

**Betlem:** Dan ma jfissirx li int tinsab qalb il-pjanura ħadra u għammiela tal-Galilija; lanqas ifisser li qiegħed qalb il-widien kbar u fondi tas-Samarija: pjuttost qrib ħafna tad-deżert ta' Ġuda. Betlem hi madwar għaxar kilometri 'l isfel mill-belt ta' Ġerusalemm.[3] Qiegħda fuq it-triq li tieħu għal Hebron, li hi wkoll waħda mill-ibliet l-aktar antiki tad-dinja.

**Betlem:** Ifisser li wieħed qiegħed jagħlaq il-bieb tat-Testment il-Qadim biex jibda jbexxaq sakemm jinferaħ beraħ dak tat-Testment il-Ġdid. Ifisser li hemm mixja ġmielha mill-interpretazzjoni kiesħa u li bosta drabi toqtol tal-liġi, (Gal 3,23), għal għajn tal-grazzja. U dan sar, għaliex ġo Betlem, jew aħjar ġo "Dar il-Ħobż" twieled is-Salvatur. "Ġara li, meta kienu hemm (f'Betlem), Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u tat lid-dinja l-ewwel iben tagħha; fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda". (Lq 2, 6-7).

**Betlem:** Fl-aħħarnett, ifisser ukoll xena ta' qtil, tixrid ta' demm innoċenti, biki, għajjat, ilfiq u qsim il-qalb.




***BETLEM – Dehra taċ-ċentru tal-belt illum.***

Għaliex hawn f'Betlem seħħet l-istraġi ta' dawk it-tfal innoċenti, bla ebda ħtija. Trabi li għadhom anqas biss jafu jitkellmu, u diġa' qegħdin jistqarru 'l Kristu, trabi li "inxteħtu wiċċhom fl-art quddiem it-tron, ibierku lil dak li hu ħaj għal dejjem ta' dejjem" (Apok 7, 11).

Huwa kollu veru li Betlem hija "l-iżgħar fost it-tribu ta' Ġuda" (Mik 5, 1) u la ma kellhiex importanza kbira fit-Testment il-Qadim, madanakollu, Betlem kisbet importanza enormi fl-istorja tas-Salvazzjoni u nistgħu ngħidu wkoll fid-dinja, għaliex hemm "f'Betlem tal-Lhudija" (Mt 2, 5) twieled l-Emanweli, Alla magħna.

**Riferenzi**

[1] Cf. G. BISSOLI, *"Betlemme"* (- La Terra Santa) Gennaio-Febraio, Gerusalemme, 1983, 2.

[2] Cf. F.J.SHEEN, *"Life of Christ", Great Britian, 1958, 16. Dan l-isqof Amerikan biex jipprova kemm tassew inħass it-twelid ta' Ġesù, Sheen jargumenta li ż-żmien qasmu fi tnejn. Fil-waqt li l-fundaturi ta' reliġjonijiet oħra bħal ma huma Budda, Mawmettu, Konfuċju u oħrajn inħassu biss f'art twelidhom.*

[3] Cf. Z. Vilnay, *"The Guide to Israel"*, Jerusalem, 1975, 162.

*Din hija silta mil-ktieb tar-Rev.Prof. Lawrence Sciberras bl-isem "BETLEM DAR IL-ĦOBŻ" li ġie pubblikat is-sena l-oħra. Kopji ta' dan il-ktieb għadhom jistgħu jinxtraw mingħand il-librara f'Malta u Għawdex.*

# Rijorganizzazzjoni ta' "L-Għaqda Żagħażagħ La Stella"

F'egħluq l-għoxrin anniversarju mill-ftuħ uffiċċjali ta' l-ewwel teatru kummerċjali t'Għawdex "Astra" il-Kumitat tal-Banda La stella li fi ħdanha hu mwaqqaf dan l-istess Teatru ddeċieda li jagħti rigal liż-żagħżagħ ġorġjani għawdxin. Dan il-Kumitat għaraf il-ħtieġa u l-importanza li jrawwam iż-żgħażagħ fl-isfera ta' l-arti u d-drama. Għal Għal dan il-għan reġgħet ingħatat spinta lill-'Għaqda Żagħżagħ La Stella".

Ta' min jgħid li l-Għaqda msemmija twaqqfet snin ilu u matul dan iż-żmien dejjem baqgħet torganizza attivitajiet kemm soċjali, kulturali u rikreattivi. Minn żmien għal żmien organizzat xogħolijiet teatrali, ġbir għal handikappati, tagħlim ta' mużika, żfin u drama, parties, sehem fil-karnival u attivitajiet oħra. Mingħajr dubju ta' xejn minn din l-Għaqda gawda kull settur tas-Soċjetà Filarmonika 'La Stella'.

Għaldaqstant nhar l-Erbgħa 19 t'Ottubru saret laqgħa straordinarja għall-membri fejn ġie imwaqqaf kumitat responsabbli għal din l-inizjattiva. Tfassal ukoll programm għal matul is-sena. Fil-Kumitat il-ġdid inħatru Ġorġ Cini bħala Chairman Monica Attard Segretarja, Ġorġ Cini Jr., Kaxxier, Ġorġ Mizzi Producer u Ġorġ Cassar P.R.O.

L-Għaqda Żagħżagħ Ls Stella bi ħsiebha tisħaq fuq dawn l-għanijiet: (a) li trawwam aktar żagħżagħ fl-arti, sport, rikreazzjoni u attivitajiet soċjali (b) li tiżra fiż-żagħżagħ aktar responsabiltà lejn ix-xjuħ, handikappati u dawk inqas xxortjati minna, (c) li tħajjar aktar żagħżagħ jidħlu fil-qasam tal-letteratura.

Għaldaqstant kull żagħżugħ ġorġjan għandu jingħaqad ma' sħabu fix-xogħol ta' "l-Għaqda Żgħażagħ La Stella".

## Don Bosco: Il-Qaddis tat-Tbissima

*Mitt sena mejjet u għadu ħaj!!*
*1888 - 1988*



# TRID TIĠI PASSIĠĠATA?

Kien is-16 ta' Novembru 1866. Don Bosco kellu jħallas il-kuntrattur tal-bini tal-knisja: dejn ta' erbat elef lira, sa dik il-lejla stess. Filgħodu sebaħ bla sold fil-but. Sejjaħ lil Dun Mikiel Rua u xi Sależjani oħra, u qalilhom:
"Morru duru mal-Belt, araw tiltaqgħux ma' xi benefattur, u itolbuh xi ftit tal-karità.

Dawk marru, iżda f'nofs in-nhar ġew lura b'idhom f'idhom. "Tibżgħux", qalilhom Don Bosco, issa wara l-ikel noħroġ indur dawra jien ukoll". Dar xi erba' toroq, iżda ma iltaqa' ma' ħadd. Kien qiegħed ħdejn l-istazzjoni Ċentrali: ħafna nies, iżda benefatturi ħadd. Waqaf ftit u talab lill-Madonna: "Dawwalni u għinni".

Ftit minuti wara, ra riesaq lejn wieħed qaddej liebes pulit. "Skużi", qallu bil-pulitezza kollha, "Inti Don Bosco?"

"Kollni kemm jien. F'hiex nista' naqdik?"

"Is-Sinjur tiegħi bagħatni nfittxek: jixtieq jarak".

"Min hu s-sinjur tiegħek? Fejn Joqgħod?"

"Hawn fil-qrib. Inwasslek jien".

Waslu f'palazz kbir u sabiħ. Telgħu fuq u Don Bosco sab sinjura mbikkija. "Jaħasra, Don Bosco, qaltlu, "Kemm ilu jistaqsi għalik żewġi! Bagħatna għalik kemm il-darba, imma qatt ma sibniek id-dar. Issa tard wisq. Għadna kemm għamilnielu konsulta bl-aqwa tlett professuri li hawn f'Torin. U t-tlieta qablu li ma hemmx tama".

"Stenna", qatgħalha kliemha Don Bosco. "Imma l-Madonna kienet hemm ma' dawn il-professuri?" Għax jekk ma kenitx hemm hi, tkunu ħallejtu barra l-aqwa professur li hawn fid-dinja!"

Is-sinjura daħħlitu fil-kamra tas-sodda ta' żewġha. "Jaħasra, Reverendu, kemm jien marid... Itlob għalija,... ma niflaħx niċċaqlaq".

"U x'inti tgħid, ma tiflaħx tiċċaqlaq!" għamillu l-kuraġġ Don Bosco. "Għandek aptit immorru passiġġata?"

"Passiġġata sabiħ. Nixtieq nagħti d-dawl t'għajnejja biex nerġa noħroġ ħaj min din il-kamra. Imma t-tobba qalu li miraklu biss irid ikun!.... Itlob għalija, u jien minn ġidi ngħinek żgur fl-opri tiegħek".

"Sewwa", ħatfu fil-kelma Don Bosco, "Int għandek bżonn miraklu biex tfieq, u jien għandi bżonn ta' tlett elef lira f'idejja, illum stess, għall-bini tat-tempju tal-Madonna. Jien nitlobha tgħinek: u int għin lilha!"

"Tlett elef lira?" temtem il-marid. "Tlett elef lira, wisq! Sa hawn ma nasalx! Min iżomm tlett elef lira f'daru?... Kieku nkun nista' mmur sal-Bank"....

"Ma tarax Reverendu? Ma anqas biss niflaħ indur fis-sodda".

"Int ma tiflaħx, imma għalAlla, u għall-interċessjoni tal-Madonna ma hemm xejn li ma jistax isir. Sejjaħ lil kulħadd madwarek".

Meta l-qraba kollha u s-sefturi kienu madwar il-marid, Don Bosco talabhom jinżlu għarkobbtejjhom u jgħidu miegħu talba lil Ġesù Sagramentat u oħra lil Marija Awsiljatriċi. Imbagħad radd is-salib fuq il-marid u qal lis-seftur: "Ġibulu ħwejjġu, ħalli jinżel".

"Sinjur", qaltlu s-sinjura tal-marid, "Dawk ħwejġu żgur kilithomlu l-kamla. Ilu tlett snin ma jilbishom!"

"Morru ixtruli l-ġodda", għajjat nervuż il-marid."

Il-qaddejja għamlu kif qalilhom. Libes il-libsa l-ġdida Niżel isfel ma' Don Bosco, u iltaqa' mat-tabib: dak beda jgħajjat: "Dan ġenn". "Aħjar għalik", wieġeb il-marid. Rikeb il-karozzella ma Don Bosco u telqulha lejn il-Bank. Is-sinjur ġibed tlett elef lira u tahom lilDon Bosco, imbagħad reġa rikeb il-parilja u telaq lura lejn daru kollu ferħan.

Dik il-passiġġata swietlu tlett elef lira, iżda ġabitlu ukoll il-fejqan, permezz ta' Don Bosco.

---

*jaqbad minn p.5*

*ioni per quello che fate. Continuate sempre nello stesso impegno."*

**Delegati - Argentina**

*"Testimonianza d'unione, di arte, di spiritualità e devozione. Grazie di cuore".*

**Sr. Rose Olivieri - Past Pupils - Gozo**

*"Excellent execution of musical scores. We are very proud of you, "Coro, Laudate Pueri", Keep on glorifying God with your beautiful voices. It was heavenly to listen to you."*

**Sr. Dolores Fontclara - Paragwaj**

*"Il coro ci ha sembrato magnifico! Le sue interpretazioni sono state bellissime! (In Sagnolo potrebbe dire molto più.)"*

---

### Attivitajiet għall-Milied

L-attivitajiet "L-Għaqda Żgħażagħ La Stella" bi ħsiebha torganizza għal żmien il-Milied huma:

***Varjetà nhar is-Sibt 10 ta' Diċembru fis-6.30 p.m. fil-każin (kulħadd hu mistieden u d-dħul ikun b'xejn)***

*** Kant ta' Carols biex inferħu lil min hu inqas ixxurtjat minna.***

*** Wiri ta' Videos ta' carols fil-Każin nhar il-Milied il-ġurnata kollha.***

# Kummiedja ġdida fit-Teatru Astra

It-Teatru Astra, wara staġun operistiku li spiċċa b'suċċess kbir bil-famuża AIDA ta' Verdi, issa ser jiftaħ l-istaġun festiv tal-Milied f'Għawdex b'kummiedja ġdida għall-gżejjer Maltin, bil-għan li jissodisfa lil dawk kollha li jħobbu l-palk Malti.

L-Astra Dramatic Company għażlet il-kummiedja brillanti *"L-Imfissed"* ta' Jasper Emanuelson, l-awtur ta' *"Jum It-Tieġ"* li ġiet ippreżentata fl-istess teatru s-sena l-oħra. Il-kummiedja ser tintwera nhar is-Sibt 17 ta' Diċembru.

*"L-Imfissed"* hi kummiedja kollha sitwazzjonijiet komiċi li warajhom hemm miexi argument serju li forsi mhux kulħadd jaqbel miegħu. Il-komiċità tal-kummiedja tgħatti t-teżi li tifel, miżmum għal fuq għoxrin sena maqful id-dar imbiegħed mis-soċjetà, hu aktar faċli li jisfratta minn ġuvni mrobbi f'ambjent liberu. Din hija teżi kemmxejn kontraversjali. Imma l-kontraversja hija s-sabiħ tal-palk.

Charlie Zammit, Maria Zammit Borg u Anton Said, fil-partijiet prinċipali, mall-atturi sħabhom Maria Schembri, Mario Tabone, Michael Camilleri, Salvu Cremona u Joe M. Attard, huma garanzija ta' divertiment allegru u xieraq għal dan iż-żmien sabiħ tas-sena.

*Produzzjoni u direzzjoni ta' George Xerri.* ***Il-Booking jiftaħ is-Sibt 10 ta' Diċembru.***



John Galea, is-Surmast Direttur tal-'CHORUS URBANUS' tal-parroċċa tagħna, ġie mistieden biex jiddebutta f'Londra bħala pjanista u kompożitur, f'kunċert ta' mużika Maltija kmieni f'Jannar li ġej.

Dan il-kunċert, li fih ser jindaqqu fost oħrajn kompożizzjonijiet tiegħu, ser isir bħala parti mill-'International London Boat Show' li ser tinfetaħ uffiċċjalment mill-On. Prim Ministru Eddie Fenech Adami.

Xogħolijiet oħra ta' Mro. Galea ndaqqu fil-Greċja, Franza Ingilterra u l-Awstralja, kemm il-darba f'Malta kif ukoll fil-Bażilika tagħna.

Is-sehem tiegħu f'dan il-kunċert distint huwa xhieda tal-abilità professjonali tas-Surmast Galea li huwa wkoll l-Assistent Direttur tal-Banda 'LA STELLA' kif ukoll id-Direttur Mużikali tat-TEATRU ASTRA.

Id-Direzzjoni tar-Rivista 'Il-Belt Victoria' tixtieq kull suċċess lis-Surmast Galea f'dan l-impenn tiegħu barra minn Malta.

# Rigal lid-Delegat Mondjali ta' l-Exallievi ta' Don Bosco

Fl-okkażżjoni taż-żjara tal-kor LAUDATE PUERI f'Ruma u Torin Mons Arċipriet ippreżenta kwadru xogħol ta' l-artist Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi lil Dun Charles Cini S.D.B. Delegat Mondjali ta' l-Exallievi ta' Don Bosco. Il-preżentazzjoni saret waqt laqgħa għall-kor u dawk li akkumpanjawh f'Ruma, li saret fil-Hotel Ergife fejn kien qed jinżamm il-Kungress. F'din il-laqgħa Mons Arċipriet irringrazzja lil Fr. Cini għall-għajnuna li ta lill-kor kemm qabel kif ukoll waqt il-granet tal-Kungress. Fr. Cini mbagħad ippreżenta lill-Arċipriet medaljun tal-



bronż bħala tifkira lill-parroċċa ta' dan l-avveniment storiku.

Wara s-Suċċessi tat-Tours tas-Sajf......

**L-ASTRA TOURS JOFFRULEK VAGANZA**

## F'LONDRA — WINDSOR — BIRMINGHAM

**mit-28 ta' Diċembru 1988 sal-4 ta' Jannar 1989**

**** F'Atmosfera mill-isbaħ ta' l-Istaġun tal-Milied***

**** Għas-Sales kbar tal-bidu tas-sena l-ġdid***

***Ikseb programm dettaljat mingħand is-Sur Paul M. Cassar - Tel.551004***